# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump. 313/00***

***Pulizija***
***Spettur Marthese Micallef.***
***vs***
***Joseph Debono***

Illum 02 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jinstabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

Illi in propozitu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-pricipji li jirregolaw l-unicita tar-reati; kif ukoll il-fattur li r-reati saru meta l-imputat kien fi stat ta' agitazzjoni mentali. In oltre hadet in konsiderazzjoni li l-imputat appologizza formalment mal-parti leza u hallas id-danni minnu kkaggjonati. Dawn il-fatturi jirrendu l-applikazzjoni ta' l-artiklu 21 kap 9 fil-konfront ta' l-imputat opportun.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat l-artikli 95 (1), 96 (a), 221 (1), 339 (b, d u e), 338 (bb, dd, ee) u 325 (b)

tal-kapitolu 9 u l-artiklu 78 kap 352 u l-artiklu 54 tar-regolamenti tal-Portijiet 1956 tikkundannah ghall-hlas ta' Lm500 multa pagabbli mhux anqas minn Lm30 fix-xahar bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu f'kaz li l-imputat jonqos minn pagament wiehed.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***